



EESC info

European Economic and Social Committee

A bridge between Europe and organised civil society

March 2024 | MT

This page is also available in:

- [ES](#)
- [BG](#)
- [CS](#)
- [DA](#)
- [EN](#)
- [DE](#)
- [ET](#)
- [FR](#)
- [EL](#)
- [HR](#)
- [IT](#)
- [LV](#)
- [LT](#)
- [HU](#)
- [NL](#)
- [PL](#)
- [PT](#)
- [FI](#)
- [RO](#)
- [SK](#)
- [SL](#)
- [SV](#)

Available Languages:

EDITORJAL



Editorjal

Għeżież qarrejja,

F'din il-kwistjoni, nixtieq niġbdilkom l-attenzjoni dwar il-Ġimgħa tas-Soċjeta' Ċivili, l-avveniment ewlieni organizzat u ospitat mill-KESE fil-bidu ta' Marzu.

Meta fadal inqas minn 100 jum sal-elezzjonijiet Ewropej, il-Ġimgħa tas-Soċjeta' Ċivili pprovdiet opportunità unika għall-KESE biex ilaqqa' flimkien nies minn kull qasam tal-ħajja biex jiddiskutu x'inhom importanti għalihom u għall-futur Ewropew li jixtiequ. Aktar minn 800 rappreżentant minn organizzazzjonijiet tas-soċjeta' ċivili u gruppi taż-żgħażaġh skambju ideat matul il-ġimgħa biex jiddeskrivu l-messaġġi u l-aspettattivi ewlenin tagħhom għall-mexxejja li jmiss tal-UE. Il-messaġġ, li jien

determinat li nwassal, huwa ċar – in-nies iridu jaraw aktar demokrazija u parteċipazzjoni taż-żgħażaġh, inqas aħbarijiet foloz, u ekonomija effettiva għal kulħadd. L-Ewropa ma tistax tinjora l-vuċi tas-soċjeta' ċivili, l-għassies veru tad-demokraziji tagħna.

L-għarfien miksub mill-Ġimgħa tas-Soċjeta' Ċivili se jikkontribwixxi għal Riżoluzzjoni tal-KESE dwar l-Elezzjonijiet Ewropej. Tista' ssib għarfien fi stadju bikri mill-Ġimgħa tas-Soċjeta' Ċivili fuq [is-sit web tal-KESE](#)

It-tnejn tagħna għall-elezzjonijiet tinvolvi wkoll it-tiżi tar-relazzjonijiet mal-Parlament Ewropew. Fis-27 ta' Frar, iffirmajt Memorandum ta' Qbil mal-President tal-Parlament Ewropew Roberta Metsola biex napprofondixxu l-kooperazzjoni bejn iż-żewġ istituzzjonijiet u nipromovu l-elezzjonijiet Ewropej, nħeġġu lin-nies joħorġu jivvutaw – speċjalment dawk li ma vvutawx u dawk li se jivvutaw għall-ewwel darba – u niġġieldu kontra l-manipulazzjoni tal-informazzjoni. Il-KESE ser jimmobilizza bis-sħiħ in-network estensiv tiegħu, li jkopri l-UE kollha u jirrappreżenta lill-impjegaturi, lill-ħaddiema u lill-organizzazzjonijiet tas-soċjeta' ċivili, sabiex ikunu jistgħu jaqdu bis-sħiħ ir-rwol tagħhom. Il-qbil huwa pass kruċjali biex jinħoloq momentum li jwassal għall-elezzjonijiet Ewropej tal-2024.

Fil-KESE, l-oġġettiv tagħna huwa li nipprovdu l-mezzi lill-organizzazzjonijiet tas-soċjeta' ċivili mhux biss fl-Unjoni Ewropea iżda wkoll lil hinn minnha. Fi Frar, nedejna uffiċjalment l-inizjattiva tagħna tal-Membri Kandidati tat-Tkabbir, li tirrappreżenta bidla fid-direzzjoni fl-istorja tal-KESE. L-inizjattiva biex jiġu involuti rappreżentanti minn pajjiżi kandidati fil-ħidma tal-KESE ntlaqgħet tajjeb mill-Viċi

President tal-Kummissjoni Ewropea Věra Jourová, il-Prim Ministru tal-Montenegro, Miloško Spajić, u l-Prim Ministru tal-Albanija, Edi Rama, li attendew l-inawgurazzjoni. Intgħażlu b'kolloxx 131 Membru Kandidat tat-Tkabir biex jikkostitwixxu l-grupp ta' esperti tas-soċjetà ċivili li se jipparteċipaw fil-ħidma tal-Kumitat fix-xhur li ġejjin. L-għan komuni tagħna huwa li l-pajjiżi kandidati kollha joqorbu dejjem aktar lejn l-UE u jintegraw aktar mal-UE hekk kif in-negozjati javvanzaw.

Soċjetà ċivili mimlija ħajja u djalogu soċjali b'saħħtu huma indispensabbli għal demokrazzi li jiffunzjonaw tajjeb. Li nilqgħu lill-pajjiżi kandidati huwa pass pożittiv u loġiku 'l quddiem għad-demokrazzi fl-Ewropa.

Oliver Röpke

Il-President tal-KESE

DATI TAD-DJARJU

25 ta' Marzu 2024

[It-tiŝni tas-soċjetà ċivili u d-demokrazzi parteeipattiva fl-UE: it-triq 'il quddiem](#)

18 ta' April 2024

[L-ċittadini jistgħu jegħlbu d-diżinformazzjoni – 2024](#)

24-25 ta' April 2024

Sessjoni plenarja tal-KESE

TO THE POINT

DRITT G?ALL-PUNT

Il-kittieb mistieden tagħna huwa membru tal-KESE u relatur tal-Opinjoni dwar il-pakkett dwar id-Difiża tad-Demokrazzi, Christian Moos. Huwa elenka għalina r-raġunijiet għaliex il-KESE ma jappoġġjax il-proposta tal-Kummissjoni dwar il-pakkett li qajjem kjass meta finalment ġie ppubblikat f'Diċembru li għadda.



IL-PAKKETT DWAR ID-DIFI? A TAD-DEMOKRAZIJA: IL-KUMMISSJONI G? ANDHA TIRTIRA D-DIRETTIVA

minn Christian Moos

It-tħassib dwar l-influwenza malizzjuża minn stati ostili bħar-Russja huwa kompletament ġustifikat. Kien hemm diversi eżempji ta' self favorevoli għal partiti tal-lemin estrem, poŷizzjonijiet fuq bordijiet superviżorji għal eks politiċi, kuntratti

fajdin għal intraprendituri dubjużi u l-finanzjament tas-suppust NGOs.

Għalhekk, tabilħaqq jeħtieġ li nkunu viġilanti ħafna fid-dawl tal-elezzjonijiet Ewropej. Madankollu, minkejja li għamel xi rakkomandazzjonijiet tajbin lill-Istati Membri, il-pakkett dwar id-Difiża tad-Demokrazija wasal tard wisq. L-ewwel nett, il-Kummissjoni nediet il-pakkett tard. Imbagħad, fil-bidu tas-sajf tal-2023, ipposponietu b'aktar minn sitt xhur minħabba li l-kritika tal-proposta leġiżlattiva li l-pakkett kellu jinkludi kienet qawwija ħafna u, fuq kollox, unanima.

Madankollu, il-pakkett ippubblikat f'Diċembru kkonferma l-aġħar biżgħat. Id-Direttiva proposta tistigmatizza lill-NGOs li jirċievu fondi minn gvernijiet ta' pajjiżi mhux tal-UE, bħall-Istati Uniti. Il-proposta waħedha sservi bħala ġustifikazzjoni għal gvernijiet awtoritarji li jużaw liġijiet dwar aġenti barranin biex jippruvaw isikktu kwalunkwe oppoŷizzjoni demokratika.

Apparti dan, id-definizzjonijiet tad-Direttiva huma vagi u hemm lakuni enormi għall-aġenti attwali ta' Moska. Ir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili organizzata qed jistaqsu għaliex il-Kummissjoni mhijiex qed tistabbilixxi reġistru ġenerali ta' trasparenza li jkopri lir-rappreżentanti kollha ta' gruppi ta' interess, ikun kompatibbli mal-liġijiet eżistenti fil-livell nazzjonali u joħloq bażi legali ċara u sigura għall-partijiet interessati kollha.

Il-Kummissjoni għandha tirtira dan l-abbozz ta' direttiva u tiegħu approċċ aktar komprensiv għall-abbozz li jmiss fl-2025 li ma jkunx jinkludi dak li eżattament iridu l-għedewwa tad-demokrazija.



MISTOQSIJA LIL...

Għall-kolonna tagħna "Mistoqsija lil..." staqsejna lil Florian Marin, membru tal-KESE u relatur tal-Opinjoni tal-KESE dwar *Il-foresti tal-UE - qafas ġdid tal-UE għall-Monitoraġġ u l-Pjanijiet Strateġiċi Forestali* biex jaqsam magħna t-talbiet tal-KESE għall-qafas, minħabba l-importanza tal-foresti biex jintlaħqu l-miri tal-UE dwar il-klima u s-sostenibbiltà.



IL-QAFAS IL-ĠDID TAL-UE GĦALL-MONITORAĠĠ TAL-FORESTI GĦANDU JKUN SOSTENIBBLI U PARTEĠIPATTIV

minn Florian Marin

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew qed jipproponi li l-qafas il-ġdid tal-UE għall-monitoraġġ tal-foresti għandu jkun sostenibbli, kosteffettiv u operazzjonalment fattibbli. Għandu jkun ukoll f'waqtu, sikur, dinamiku,

inklużiv u parteċipattiv sabiex jippermetti kooperazzjoni mill-qrib bejn ix-xjenza u l-prattika flimkien ma' ppjanar aħjar u tfassil ta' politika bbażat fuq l-evidenza.

Huwa kruċjali li tiġi żgurata l-komplementarjetà u tiġi evitata d-duplikazzjoni tad-data diġà koperta mil-leġiżlazzjoni eżistenti bħall-politiki dwar il-klima u l-arja, ir-regolamenti dwar il-bijodiversità u l-Politika Agrikola Komuni.

Fir-rigward tat-tibdil fil-klima, hemm bżonn ta' data fit-tul flimkien ma' data dwar l-iżvilupp rurali, l-ekonomija ċirkolari u x-xjenza. Huwa importanti li jiġu żgurati l-interoperabbiltà u l-istess granularità, teknoloġija u frekwenza speċjalment meta tkun qed tinġabar data addizzjonali fl-Istati Membri kollha tal-UE. It-tnaqqis tal-piż amministrattiv u l-evitar ta' burokrazija eċċessiva bħal ġbir u rappurtar ta' data multipla għandhom ikunu ta' tħassib kontinwu. L-istess livell ta' importanza għandu jingħata lid-data forestali mil-lat ekonomiku, soċjali u ambjentali.

Ma tistax tiġi enfazzzata biżżejjed l-importanza li jiġu rispettati d-drittijiet tal-proprjetà privata u s-sjeda tad-data, b'mod partikolari fil-qafas tal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Fuq kollox, għandu jkun l-interess pubbliku li għandu jipprevali fl-infrastruttura tad-data dwar il-foresti.

Kull Stat Membru tal-UE li jibbenefika mill-foresti għandu jkollu pjan fit-tul dwar il-foresti li jikkomplementa strateġiji oħra dwar il-foresti u l-injam, li jiżgura tqabbil perfett mal-SDGs. Fl-istess ħin li jitqiesu l-valuri multilaterali tal-foresti, l-aspetti soċjali u ekonomiċi għandhom jiġu inklużi fl-istruttura tal-pjani dwar il-foresti flimkien mal-prinċipju tas-sħubija u l-involvement tas-soċjetà ċivili fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' pjani fit-tul dwar il-foresti.

Ir-rwol tal-Kumitat Forestrarju Permanenti għandu jissaħħaħ u għandu jinkludi atturi rilevanti mis-soċjetà ċivili.



IL-MISTIEDNA SORPRIŻA

Il-mistieden sorpriża tagħna huwa Bruno Kaufmann, Ambaxxatur tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej, għodda unika li idealment tippermetti liċ-ċittadini tal-UE jipproponu liġijiet ġodda tal-UE.

Huwa jagħti r-raġunijiet għaliex l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej hija ta' importanza tremenda u għaliex xi darba, jekk tirnexxi, tista' titqies bħala waħda mill-aktar kisbiet demokratiċi impressjonanti minn mindu sar progress fil-vot universali u ugwali fis-seklu 20.

Bruno Kaufmann huwa xjenzjat politiku Żvediż u ġurnalista li kiteb pubblikazzjonijiet aċċessibbli f'aktar minn 40 lingwa dwar id-demokrazija moderna diretta u rappreżentattiva. Huwa l-Korrispondent tad-Demokrazija Globali fi ħdan SWI swissinfo.ch, is-servizz internazzjonali tal-Kumpanija Żvizzeri tax-Xandir u jkopri Affarijiet tat-Tramuntana tal-Ewropa għar-radju u t-TV tas-servizz pubbliku Żvizzeru. Bruno huwa kofundatur u membru tal-bord ta' organizzazzjonijiet ta' appoġġ għad-demokrazija bħall Initiative and Referendum Institute, Democracy International u Global Forum on Modern Direct Democracy. Huwa d-Direttur tal-Kooperazzjoni Internazzjonali fi ħdan il-Fondazzjoni Żvizzeri għad-Demokrazija.



BRUNO KAUFMAN: Għaliex l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej Hija Afna Aktar Deżirjable Milli Nistgħu Na? SBU

Hemm ħafna x'tilmenta dwar l-istat tad-demokrazija b'mod ġenerali, u dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (IĊE) b'mod partikolari.

Skont l-aktar "[Rapport dwar id-Demokrazija Dinjija](#)" reċenti ppreżentat minn "Varjetajiet tad-Demokrazija" fis-7 ta' Marzu, il-perċentaġġ ta' persuni li jgħixu f'demokraziji naqas meta jitqabbel ma' kważi 40 sena ilu. U minkejja li din is-sena fid-dinja kollha, in-numru ta' persuni eliġibbli li jivvutaw fl-elezzjonijiet huwa iktar minn qatt qabel, għadd kbir ta' pajjiżi li qed jospitaw dawk l-elezzjonijiet qed isiru aktar awtokratiċi.

Kien hemm ilmenti dwar din is-sitwazzjoni anke matul l-ewwel edizzjoni tal-[Ġimgħa tas-Soċjetà Ċivili](#) organizzata mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew fil-bidu ta' Marzu. Dawn l-ilmenti kienu jikkonċernaw l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej, l-ewwel għodda demokratika diretta transfruntiera fid-dinja. "Ikkomplikata wisq", "xejn mhi attraenti," "ma tantx hemm hemm fiduċja," "ineffċjenti" u "ftit magħrufa" - dawn huma biss ftit mill-fehmiet li ma tantx huma sbieħ li l-partijiet ikkonċernati mis-soċjetà ċivili, mill-media, mill-akkademja u mill-amministrazzjoni għandhom dwar l-IĊE.

Naħseb li dawn il-valutazzjonijiet kritiċi ħafna mhux biss huma korretti b'mod skoraġġanti, iżda huma wkoll kawti u moderati wisq fil-kritika tagħhom. Id-demokrazija jistħoqqilha dominanza dinjija. Biex niksibu dan, aħna, bħala ċittadini u votanti eliġibbli fuq din il-pjaneta bħalissa, għandna nimmiraw fl-għoli biex niksibu aktar milli għandna bħalissa.

Dan ifisser li nagħmlu aktar milli nillimitaw ruġna bid-difiża kontra l-biża', id-dittaturi tal-lum u s-segwaċi kodardi tagħhom. Jeħtieġ li nieħdu passi ferm akbar 'l quddiem. L-iżvilupp ulterjuri tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej ikun pass bħal dan.

Għax x'tikkonsisti fil-prattika l-IĊE? Fi tliet affarijiet. Dritt, strument u għodda li qatt ma eżistiet fi kwalunkwe ħin ieħor fl-istorja jew fi kwalunkwe post ieħor fid-dinja. Inizjattiva kumplessa u mfassla b'mod komprensiv, diġitali, direttament demokratika, transnazzjonali, għandha infrastruttura ta' appoġġ u tintuża tajjeb.

Mill-2012 'l hawn, l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej l-ewwel inħolqot, imbagħad ġiet introdotta, implimentata u mtejba, u b'hekk saret prova ħajja li l-isparju demokratiku jista' jiġi estiż u kkonsolidat anke fl-aktar ċirkostanzi diffiċli.

Is-sena d-dieħla, fl-età ta' 13-il sena, nisperaw li din it-tifla mfissda ssir adolexxenti li tista' turi lill-Ewropa u lid-dinja dak li kapaċi tagħmel. U neħtieġu din is-saħħa friska u feroċi biex b'mod deċiżiv nerġġu nagħtu l-ħajja lill-mentalitajiet riġidi tal-istati nazzjon u l-istrutturi burokratiċi tal-Unjoni Ewropea.

Ejjew inkunu ċari – m'għandniex bżonn li kontinwament u bla waqfien nivvintaw mill-ġdid forom demokratiċi ta' għajxien flimkien, li spiss jiġu deskritti bħala "innovazzjoni". Minflok, jeħtieġ li niddedikaw ruħna għall-IĊE, biex niżguraw li fl-aħħar ta' dan id-deċennju din tagħlaq 16-il sena, jew mill-inqas 18 sena.

Dan xi jfisser? Sal-2028 jew l-2030, jeħtieġ li jseħħu żewġ bidliet importanti. L-ewwel nett, is-setgħat tat-tfassil tal-aġenda tal-IĊE jeħtieġ li jsiru l-istess bħal dawk tal-Parlament Ewropew. Fi kliem ieħor, l-Ewropej għandhom ikunu jistgħu jipproponu leġiżlazzjoni u azzjonijiet governattivi oħra bħalma jistgħu jagħmlu l-membri eletti tal-Parlament Ewropew.

It-tieni, iċ-ċittadini tal-UE għandhom, sa tmiem dan id-deċennju, ikunu jistgħu jibdeu mhux biss leġiżlazzjoni, iżda votazzjonijiet popolari madwar l-Ewropa kollha dwar kwistjonijiet sostantivi – spiss sempliċement imsejja referenda. Ir-referendum pan-Ewropew mhuwiex idea ġdida, iżda huwa idea li issa mmaturat, bis-saħħa tat-twelid u l-ħajja bikrija tal-IĊE.

Jekk dan it-tip ta' futur jista' jinbena madwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej, in-nies ser iħarsu lura lejn din l-għodda, u lejn dan iż-żmien, bħala dik li pproduċiet waħda mill-aktar kisbiet demokratiċi impressjonanti minn mindu ġiet introdotta l-votazzjoni universali u ugwali fis-seklu 20.



L-ELEZZJONIJIET EWROPEJ – 6-9 TA' ?UNJU 2024: JIEN SE NIVVOTA. U INTI?

Fil-kolonna l-ġdida tagħna *Jien se nivvota. U inti?* li se tibqa' għaddejja sa Ġunju 2024, se nippreżentaw il-fehmiet tal-kelliema mistiedna tagħna dwar kif u għaliex għandna nipparteċipaw fl-elezzjonijiet Ewropej. F'din l-edizzjoni, il-mistiedna tagħna hija

Konstantina Manoli, studenta ta' 19-il sena mill-Greċja li din is-sena ħadet sehem f'L-Ewropa Tiegħek, Leħnek.

L-avveniment ewlieni tal-KESE għaż-żgħażagħ, li ġie organizzat għall-ewwel darba matul il-Ġimgħa tas-Soċjetà Ċivili, laqqa' flimkien 'il fuq minn 100 żagħżuġ u żagħżuġha minn madwar l-UE, pajjiżi kandidati u r-Renju Unit għal dibattiti ferventi dwar id-demokrazija u l-futur tal-Ewropa.

Konstantina Manoli tistudja l-lingwi barranin, it-traduzzjoni u l-interpretazzjoni fl-Università Jonika fil-Greċja. Hija lingwista ddedikata u għandha passjoni għad-diskussjonijiet politiċi u l-affarijiet globali.



IR-RESPONSABILIZZAZZJONI TAL-ELETTORAT TAL-?EJJENI: IL-VOTANTI ?G? A?AG? G?ANDHOM RWOL FUNDAMENTALI FIT-TISWIR TAD-DEMOKRAZIJA

Minn Konstantina Manoli

Ma nistgħux niċħdu li l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-vot iservi bħala għodda b'saħħitha biex jiġu espressi l-opinjoni u jiġu influwenzati l-politiki. Fil-fatt, matul l-elezzjonijiet b'mod ġenerali, aħna lkoll nagħżlu leħinna, in-nies li, personalment, inqis li huma l-aktar adatti biex jirrappreżentawna, it-twemmin tagħna u s-sistemi ta' valur tagħna. Madankollu, ħafna drabi l-maġġoranza tan-nies u speċjalment aħna, iż-żgħażaġh, għandna it-tendenza li ninjoraw il-qawwa tal-vot.

Niddikjaraw b'passjoni x-xewqa tagħna li nibdlu d-dinja, li noħolqu futur aħjar għalina lkoll u għall-ġenerazzjonijiet li jmiss. Madankollu, xi mkien f'nofs dan il-proċess, meta nħossu li l-opinjoni tagħna, il-valuri tagħna u l-ideali tagħna ma għadhomx importanti jew li m'għandniex setgħa, aħna nċedu.

Fil-fatt, bħala żagħżuġha mill-Greċja, naf eżattament dan xi jfisser. Jiena naf kif tkun il-frustrazzjoni ta' meta leħinna ma jinstemax, rajt il-ksur tad-drittijiet tagħna, u esperjenzajt is-sensazzjoni ta' nuqqas ta' setgħa li wieħed iħoss meta jidher li ma jkun hemm xejn iżjed x'nistgħu nagħmlu. Xi drabi, minkejja l-akbar sforzi tagħna, l-affarijiet ma jiġux kif ikunu ppjanajna. Huwa f'dawn il-mument, imdawra bl-eku tal-isforzi tagħna, li spiss ninsew il-verità fundamentali – li l-vot tagħna huwa s-setgħa tagħna stess! Kif qal darba Barack Obama: “Mhuwiex minnu li hawn xi vot li ma jiswiex”.

Sfortunatament, ma naħsibx li din hija biss l-esperjenza tiegħi jew esklużivament relatata mal-fatt li jiena Griega, żagħżuġha jew mara. Il-verità hija li ħafna individwi jikkondividu dan is-sentiment irrispettivament mill-età, l-etniċità, il-ġeneru, ir-reliġjon, jew iċ-ċirkostanzi personali tagħhom.

Il-vot huwa l-vuċi kollettiva tagħna fit-tiswir tal-futur li nixtiequ. Li nieħdu r-riedni f'idejna jiżgura li l-ħolm u l-valuri tagħna jirreżonaw fid-deċiżjonijiet li jsawru s-soċjetà tagħna. Irridu naġixxu, jeħtieġ li nqisu li l-vot tagħna huwa element ewlieni, li jiftaħ il-bieb għal futur fejn jiltaqgħu l-ekujiet taż-żgħażaġh li jkollhom is-setgħa.

Niftakru wkoll fil-kliem għaqli ta' John Lewis, “Jekk mhux aħna, allura min? Jekk mhux issa, allura meta?”

A?BARIJET TAL-KESE



Tkabbir: Rappre?entanti mill-pajji?i kandidati tal-UE issa se jissie?bu fil-?idma tal-KESE

Fil-15 ta' Frar, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) nieda uffiċjalment l-inizjattiva tiegħu biex jilqa' rappreżentanti tas-soċjetà ċivili mill-pajjiżi kandidati tal-UE. Intgħażlu total ta' 131 '[membru kandidati għat-tkabbir](#)' biex jiffurmaw il-grupp ta'

esperti tas-soċjetà ċivili li ser jipparteċipaw fil-ħidma tal-Kumitat, u b'hekk il-KESE sar l-ewwel istituzzjoni li fetaħ il-bibien tiegħu għall-pajjiżi kandidati tal-UE.

Din l-inizjattiva hija l-[priorità politika](#) tal-**President tal-KESE Oliver Röpke**. Hija tistabbilixxi standards ġodda għall-involvement tal-pajjiżi kandidati fl-attivitajiet tal-UE, u tiffaċilita l-integrazzjoni progressiva u tanġibbli tagħhom fl-UE.

L-inizjattiva ġiet inawgurata fis-sessjoni plenarja tal-KESE, fejn irċeviet merħba mill-qalb minn **Věra Jourová**, Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea, **Milojko Spajić**, Prim Ministru tal-Montenegro, u **Edi Rama**, Prim Ministru tal-Albanija. Magħhom ingħaqdu rappreżentanti tas-soċjetà ċivili minn disa' pajjiżi kandidati tal-UE (l-Albanija, il-Bożnija-Ħerzegovina, il-Georgia, il-Moldova, il-Montenegro, il-Maċedonja ta' Fuq, is-Serbja, it-Turkija u l-Ukrajna) u minn membri kandidati għat-tkabbir oħrajn online. Kollha pparteċipaw f'dibattitu plenarju tal-KESE għall-ewwel darba.

F'din l-okkażjoni storika, il-**President Röpke** enfasizza: "Ma nistgħux inżommu aktar lill-pajjiżi kandidati fil-kamra ta' stennija. Huwa għalhekk li l-KESE ddeċieda li jiftaħ il-bibien tiegħu għall-pajjiżi kandidati u jinvolvi lir-rappreżentanti tagħhom – il-membri kandidati għat-tkabbir – fil-ħidma tagħna".

Il-**Prim Ministru Spajić** qal: "Napprezzaw ħafna dawn l-aspetti tal-integrazzjoni gradwali. Aħna ma narawx dan bħala sostitut għas-sħubija, iżda mod kif nippreparaw kemm il-pajjiżi tar-Reġjun tal-Balkani tal-Punent (f'konformità mal-approċċ "regatta" bbażat fuq il-mertu) kif ukoll l-UE għall-integrazzjoni."

Il-**Prim Ministru Rama** stqarr: "Jiena nemmen bis-sħiħ li dak li qed iseħħ hawnhekk jista' jseħħ ukoll fil-Parlament tal-UE, għandu jseħħ fil-Kummissjoni Ewropea u għandu jseħħ fil-Kunsill Ewropew. Dan huwa l-uniku mod kif nistgħu nserrġu moħħ kulħadd u nintroduċu enerġija konkreta ħafna".

Věra Jourová, il-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea għall-Valuri u t-Trasparenza, qalet: "It-tkabbir huwa l-interess reċiproku tagħna. Jibqa' investiment ġeostrateġiku għall-Unjoni. Huwa għalhekk li nappoġġjaw it-tnedija tal-inizjattiva tal-lum u l-oħrajn kollha li jgħinu lill-pajjiżi msieħba tagħna jirnexxu bi sforzi ta' riforma li jwasslu għal ekonomija aħjar u demokrazija aktar b'saħħitha".

Il-lista sħiħa tal-membri kandidati għat-tkabbir magħżula għall-pool hija disponibbli [hawnhekk](#). (at)



[?img?a tas-So?jetà ?ivili: Is-so?jetà ?ivili Ewropea tistabbilixxi l-a?enda g?all-mexxejja li jmiss tal-UE](#)

Mill-4 sas-7 ta' Marzu, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) ospita l-ewwel Ġimgħa tas-Soċjetà Ċivili, fejn 'il fuq minn 800 rappreżentant minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u gruppi taż-żgħażaġħ iltaqgħu biex jiddiskutu l-elezzjonijiet li ġejjin u l-futur tal-UE. Il-punti ewlenin se jiġu inkorporati f'riżoluzzjoni tal-KESE f'Lulju, li se tiddekrivi dak li s-soċjetà ċivili qed tistenna mit-tmexxija li jmiss tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni.

Bil-ħames inizjattivi ewlenin tagħha – inklużi [l-Ġranet tas-Soċjetà Ċivili](#), [Jum l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej](#), [l-Ewropa Tiegħek, Leħnek!](#), [il-Premju għas-Soċjetà Ċivili](#), u [s-Seminar tal-Ġurnalisti](#) – il-Ġimgħa tas-Soċjetà Ċivili għandha l-għan li:

- issa??a? il-po?izzjoni ta?-?ittadini biex jinvolvu ru?hom mal-UE u je?er?itaw id-drittijiet demokrati?i tag?hom;
- tidentifika u tindirizza t-theddid g?all-valuri demokrati?i, b?ad-di?informazzjoni u l-apatija tal-votanti; u
- ti?bor rakkomandazzjonijiet mis-so?jetà ?ivili biex tikkontribwixxi g?all-pjani futuri tal-UE.

L-[ewwel riflessjonijiet](#) dwar il-messaġġi fformulati mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għall-mexxejja l-ġodda tal-UE ffukaw b'mod partikolari fuq governanza reattiva, politiki inklużivi u futur sostenibbli għall-Ewropej kollha.

Il-ġlieda kontra l-miżinformazzjoni

Qabel l-elezzjonijiet Ewropej, ir-rappreżentanti taż-żgħażaġħ u l-ġurnalisti qajmu tħassib dwar it-tixrid rampanti tal-miżinformazzjoni u l-aggravar tal-polarizzazzjoni online, u fl-istess ħin enfasizzaw il-ħtieġa għal oqfsa legali robusti. Is-soċjetà ċivili tappella għal kollaborazzjoni fost il-gvernijiet, l-iskejjel u d-ditti tat-teknoloġija biex jippromovu l-litteriżmu diġitali, irawmu ambjent online rikk fl-għarfien u inklużiv.

Ekonomija għas-servizz tan-nies u tal-pjaneta

Is-soċjetà ċivili ħeġġet għal bidla minn mudelli ċċentrati fuq it-tkabbir għal approċċi olistiċi li jipprijoritizzaw il-benesseri, il-prosperità u l-limiti ambjentali. F'konformità ma' dan, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġħ irrakkomandaw direttiva dwar is-sostenibbiltà korporattiva u pproponew taxxi speċjali fuq oġġetti li jagħmlu ħsara lill-ambjent.

Il-parteċipanti enfasizzaw ukoll ir-rwol tal-UE fit-trasformazzjoni diġitali, u fl-istess ħin ħeġġew it-tmexxija etika fir-rigward tal-IA u l-edukazzjoni taċ-ċittadini. Dawn il-miżuri għandhom l-għan li jiżguraw tkabbir ekonomiku responsabbli u li jsaħħu l-pożizzjoni taċ-ċittadini biex jinnavigaw ix-xenarju teknoloġiku li qed jevolvi.

Insaħħu l-pożizzjoni taż-żgħażaġħ

Is-soċjetà ċivili insistiet li għandna nsaħħu l-pożizzjoni taż-żgħażaġh biex isawru l-futur tal-Ewropa. Hija kienet favur “test taż-żgħażaġh” dwar il-politiki kollha tal-UE biex jiġi vvalutat l-impatt tagħhom fuq il-ġenerazzjonijiet żgħażaġh. B’mod partikolari, il-gruppi taż-żgħażaġh ipproponew kwoti għaż-żgħażaġh għall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew biex tissaħħaħ ir-rappreżentanza.

Insaħħu d-demokrazija

Il-parteċipanti appellaw għal demokrazija aktar reżiljenti u inklużiva, u enfasizzaw djalogu ċivili strutturat fil-livelli kollha tal-gvern. Dan id-djalogu, flimkien mat-tisħiħ tal-kapaċitajiet, għandu l-għan li jsaħħaħ is-soċjetà ċivili fil-pajjiżi kandidati tal-UE, u fl-istess ħin irawwem ambjent sikur u abilitanti biex is-soċjetà ċivili tirnexxi fl-Ewropa.

Nimxu lil hinn mis-sempliċi suġġerimenti

Il-ġimgħa ħarġet fid-dieher l-elementi sodi u d-dgħufijiet tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej. Filwaqt li nirrikonoxxu s-suċċessi tagħha, feġġew frustrazzjonijiet minħabba l-insuffiċjenza ta’ rispons mill-istituzzjonijiet tal-UE. Saru sejħiet biex l-inizjattivi taċ-ċittadini Ewropej jiksbu reazzjonijiet sostantivi, irawmu sħubijiet aktar b’saħħithom u jsaħħu l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini permezz tal-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki.

Inħarsu ’l quddiem

Dawn ir-rakkomandazzjonijiet se jikkontribwixxu għal riżoluzzjoni futura tal-KESE li tistabbilixxi l-aspettattivi tas-soċjetà ċivili għat-tmexxija li jmiss tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni. (gb)



[Il-fondazzjoni Irlandiża Third Age rebħet il-Premju tal-KESE għas-Soċjetà Ċivili għas-saħħa mentali](#)

Il-Premju tal-KESE għas-Soċjetà Ċivili jagħti ġieħ lil proġetti mingħajr skop ta’ qligħ li jitwettqu minn individwi, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u kumpaniji. Kull sena

tintgħażel tema differenti, li tkopri qasam importanti tal-ħidma tal-KESE. L-14-il Premju għas-Soċjetà Ċivili, iddedikat għas-saħħa mentali, intrebaħ mill-fondazzjoni Irlandiża Third Age u n-network ta’ involviment soċjali tagħha AgeWell, li jiġġielew is-solitudni fix-xjuħija.

Fis-7 ta’ Marzu, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) ippremja ħames organizzazzjonijiet mingħajr skop ta’ qligħ għall-kontribut eċċellenti tagħhom fil-ġlieda kontra d-disturbi tas-saħħa mentali, li fl-UE żdiedu b’mod drammatiku.

Il-premju ta’ EUR 50 000 tqassam bejn il-ħames proġetti rebbieħa.

Il-fondazzjoni karitattiva tal-Irlanda [Third Age](#) rebħet l-ewwel premju ta’ EUR 14 000.

L-erba' finalisti rċevew EUR 9 000 kull wieħed u ġew ikklassifikati kif ġej:

- It-tieni post: **I-assoċjazzjoni Pro Lapinlahti**, tal-Finlandja għa? -?entru tal-komunità [Lapinlahden Lähde](#)
- It-tielet post: [Integra](#), tas-Slovakkja, għall-inizjattiva tagħha **"Crazy? So what!"**
- Ir-raba' post: il-fondazzjoni [Lilinkoti](#), tal-Finlandja, għal-logħob tagħha [The World of Recovery](#)
- Il-?ames post: l-organizzazzjoni [Animenta](#) tal-Italja, għall-pro?ett tagħha **"raccontare per sensibilizzare"**

IR-REBBIEĦ TAL-EWWEL PREMJU

Il-fondazzjoni karitattiva tal-Irlanda **Third Age** tgħin lill-persuni akbar fl-età li jkunu iżolati, fraġli u vulnerabbli, permezz tan-network ta' involviment soċjali tagħha **AgeWell**. **Is-servizz uniku tagħha huwa bbażat fil-komunità, fejn persuni li għandhom 'il fuq minn 50 sena jappoġġjaw persuni akbar fl-età li jinsabu f'riskju u fil-bżonn**. Bl-użu ta' taħlita ta' żjarat fid-djar u kwestjonarju dwar is-saħħa mentali li jsir permezz tal-ismartphone, AgeWell joffri kumpanija u appoġġ emozzjonali u jidentifika r-riskji għas-saħħa fi stadju bikri.

PROĠETTI REBBIEĦA OĦRA

It-tieni post mar għand **I-assoċjazzjoni Pro Lapinlahti** tal-Finlandja u ċ-ċentru komunitarju tagħha **Lapinlahden Lähde** jew "Is-Sors ta' Lapinlahti". Iċ-ċentru, li nbena permezz tar-rinnovazzjoni tal-Isptar Lapinlahti ta' Helsinki, jorganizza diversi workshops u avvenimenti b'rabta mal-litteriżmu fis-saħħa mentali, u kull sena jżuruh xejn inqas minn 50 000 viżitatur. Dan huwa post iddikjarat bħala żona ħielsa mid-dijanjożi, fejn kulħadd jesprimi lilu nnifsu liberament, mingħajr ma jingħataw tikketti, fejn tissaħħaħ il-pożizzjoni ta' min iżuru mingħajr attitudni paternalista.

Fit-tielet post insibu lill-organizzazzjoni Slovakka **Integra**, bl-inizjattiva tagħha **"Crazy? So what!"**, li tkisser l-isterjotipi billi tippromovi fehim ta' kompassjoni tas-saħħa mentali fost iż-żgħażaġh. Dan jipprovdi fehim dirett ta' xi tfixxer it-tbatija mentali u tat-triq lejn il-fejqa.

Il-fondazzjoni **Lilinkoti** tal-Finlandja, li rebħet ir-raba' premju, tinsab fuq missjoni biex tappoġġja s-saħħa mentali bil-logħob innovattiv u kreattiv tagħha msejjaħ **The World of Recovery**. Il-logħob jippromovi l-irkupru tas-saħħa mentali permezz ta' għanijiet li jispiraw awtoimmagħni b'saħħitha, awtonomija personali u ħajja attiva u sinifikanti. L-ewwel logħba, li hija ħielsa mill-vjolenza, tintlagħab fuq l-ismartphone, u t-tieni waħda hija logħba tar-rwoli li tintlagħab fuq il-mejda u li rebħet diversi unuri. Dawn huma mmirati lejn is-saħħa mentali u lejn persuni li qed jirkupraw mill-abbuż ta' sustanzi, flimkien mal-professionisti, u huma mingħajr ħlas.

Il-proġett tal-organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ **Animenta** tal-Italja, **"raccontare per sensibilizzare"**, ħa l-ħames post. Permezz ta' dan il-proġett, Animenta qed tikteb mill-ġdid narrattivi sterjotipiċi dwar id-disturbi alimentari, li fl-Italja biss jaffettwaw 'il fuq minn erba' miljun persuna, li żewġ miljuni minnhom huma adolexxenti. Il-programmi ta' prevenzjoni u sensibilizzazzjoni tagħha jitwettqu minn professionisti voluntiera online u fl-iskejjel fl-Italja kollha.

Il-KESE nieda l-premju ta' din is-sena f'Lulju 2023. Il-KESE ried jirrikonoxxi r-rwol kruċjali li għandha s-soċjetà ċivili fit-trattament u l-prevenzjoni tas-saħħa mentali billi jiddedika l-premju lis-saħħa mentali. **Ir-rebbieħa ntgħażlu minn fost aktar minn 100 applikazzjoni minn 23 Stat Membru.**

Is-suġġetti tal-passat tal-premju inkludew iż-żgħażaġh u l-għajnuna għall-Ukrajna, l-azzjoni klimatika, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-migrazzjoni. FI-2020, il-KESE ssostitwixxa l-Premju tiegħu għas-Soċjetà Ċivili bi Premju ta' darba għas-Solidarjetà Ċivili, iddedikat għall-ġlieda kontra l-COVID-19. (II)



Jum l-I?E 2024: Ambizzjoni akbar fir-rigward tal-partepazzjoni ?ivika

Il-Jum tal-I?E tal-2024 xeħet dawl qawwi kemm fuq il-potenzjal kif ukoll fuq il-limitazzjonijiet tal-Inizjattiva ta?-?ittadini Ewropej (I?E). Apparti li ?celebraw is-su?essu tal-inizjattivi tal-passat biex jissensibilizzaw lin-nies u jqanqlu dibattiti pubbli?i, id-

diskussjonijiet ħarġu fid-dieher ukoll il-frustrazzjonijiet rigward il-ħtieġa għal rispons u segwitu aħjar mill-istituzzjonijiet tal-UE.

Punti ewlenin li ħarġu mill-Jum tal-I?E:

- **Lil hinn mill-kaxxa għas-suġġerimenti.** I?E ta' su??ess g?andha awtomatikament tirri?ulta f'azzjoni sostantiva mill-Kummissjoni, inklu?i reazzjonijiet konkreti u, fejn adatt, proposti le?i?lattivi. Dan ji?gura l-influenza diretta tag?ħa fuq id-dritt tal-UE, u jrawwem djalogu aktar sinifikanti bejn i?-?ittadini u l-istituzzjonijiet.
- **Sħubijiet aktar b'saħħithom.** Il-kollaborazzjoni hija ?entrali. L-amplifikazzjoni tal-il?na ta?-?ittadini te?tie? kollaborazzjoni strate?ika bejn l-organizzaturi, is-so?jetà ?ivili, il-mezzi tal-media u l-imsie?ba pubbli?i.
- **Titjib kontinwu.** Il-qafas tal-I?E dejjem jevolvi. Billi nisfruttaw l-a?jar Prattiki u nrawmu l-kondivi?joni tal-g?arfien fost il-partijiet ikkon?ernati, nistg?u nsa??u l-pro?ess tal-I?E u nag?tu s-setg?a lil sa?ansitra aktar ?ittadini biex jipparte?ipaw b'mod attiv.

L-I?E tippermetti li?-?ittadini jitolbu lill-UE tie?u azzjoni u tipproponi liġi ġdida dwar kwistjoni partikolari. Ladarba inizjattiva tikseb miljun firma, il-Kummissjoni tidde?iedi x'azzjoni għandha tie?u. (gb)



L-Ewropa Tieġ?ek, Le?nek 2024: Il-prijoritajiet ta?-?g?a?ag? g?all-mandat le?i?lattiv li jmiss tal-UE

Aktar minn 100 ?agħżuġh u ?agħżuġha mill-UE, mill-pajji?i kandidati u mir-Renju Unit iŋgabru għal L-Ewropa Tiegħek, Leħnek!, fejn qasmu l-viżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tagħhom għall-futur tal-Unjoni Ewropea. Hekk kif l-elezzjonijiet

tal-UE qed joqorbu, L-Ewropa Tiegħek, Leħnek 2024 tagħti prijorità lill-ġlieda kontra d-

Il-bini ta' UE aktar trasparenti, inklużiva u demokratika jeħtieġ impenn ċiviku akbar u sħubija b'saħħitha bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u l-korpi governattivi nazzjonali. "L-isforzi kollettivi tagħna se jiżguraw li l-UE tibqa' xempju ta' tama u mudell ta' demokrazija parteċipattiva għad-dinja", saħqet il-Kummissarju Šuica.

Pietro Barbieri, relatur tal-Opinjoni, qal: “Permezz ta’ din l-Opinjoni, il-KESE qed jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE jieħdu pass konkret ‘il quddiem: biex jadottaw strateġija għad-djalogu ċivili, li tagħti ħaġġa lil pjan ta’ azzjoni u ftehim interistituzzjonali li jinvolvi kull livell tal-UE. L-impenn tal-KESE huwa sinjal ta’ ħtieġa urġenti li ma tistax tiġi rinunzjata jew posposta”.

Miranda Ulens, korelatur, żiedet tgħid li: “Diġà għandna prattiki tajbin għad-djalogu soċjali. Il-proposti li nagħmlu se jiżguraw li l-ilħna ta’ organizzazzjonijiet leġittimi u rappreżentattivi oħra jkunu jistgħu jinstemgħu wkoll. Ejjew noħolqu Ewropa reali u demokratika għaċ-ċittadini tagħha! #TogetherStrong!” (II)



[Niltaqgħu mal-Promoturi tal-Eċċellenza: il-KESE u l-Kummissjoni Ewropea jixtu dawl fuq it-taħriġ vokazzjonali biex jindirizzaw in-nuqqas ta’ ? addiema](#)

Fit-23 ta’ Frar, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) u l-Kummissjoni Ewropea organizzaw avveniment ewlieni għas-Sena Ewropea tal-Ħiliet, li laqqa’ flimkien aktar minn 400 żagħżuġ u żagħżuġha mill-Istati Membri kollha tal-UE biex jixtu dawl fuq il-ħiliet meħtieġa għall-impjiegi attwali u futuri.

L-avveniment [Niltaqgħu mal-Promoturi tal-Eċċellenza](#) stieden 35 promotur żagħżuġ tal-UE mill-kompetizzjonijiet reċenti [WorldSkills](#) u [EuroSkills](#) u mill-[Abylimpics](#) (Olimpjadi tal-ħiliet għall-persuni b’diżabilità), fejn il-kompetituri kienu pparteċipaw f’aktar minn 20 dixxiplina differenti, bħar-robotika mobbli, l-ICT, il-mekkanika, id-disinn grafiku, it-teknoloġiji tal-karozzi u l-kostruzzjoni.

Il-promoturi qasmu stejjer ta’ ispirazzjoni tal-perkorsi tat-tagħlim u l-karriera tagħhom. Spettaturi żgħażaġ setgħu josservaw u jitgħallmu dwar ħiliet tradizzjonali u ġodda matul dimostrarazzjonijiet speċifiċi f’oqsma bħall-floristrika, it-tiżbiġ tal-karozzi, ir-robotika u r-realtà virtwali, li kienu jinkludu taħditiet dwar l-integrazzjoni tas-sistema tar-robot, robot għat-tneħħija tal-mini għall-Ukrajna u disinjar permezz tal-kompjuter tal-inġinerija mekkanika.

L-għan kien li jiġu promossi l-benefiċċji u l-opportunitajiet offruti mill-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET), speċjalment fl-isfond tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u d-dinja futura tax-xogħol. Il-VET huma rilevanti wkoll fil-kuntest attwali ta’ nuqqas ta’ ħaddiema u ħiliet u nuqqas ta’ tlaqqiġ tal-ħiliet fl-UE, fejn aktar minn tliet kwarti tal-kumpaniji jirrapportaw diffikultajiet biex isibu ħaddiema bil-ħiliet meħtieġa.

Il-President tal-KESE Oliver Röpke qal: “ Il-ħiliet huma l-ingredjent ewlieni biex tissaħħaħ il-pożizzjoni taż-żgħażaġ sabiex jirnexxu kemm fil-ħajja personali kif ukoll fil-karrieri tagħhom. Bit-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi li għaddejjin, għandna s-setgħa, permezz tal-ħiliet, mhux biss li nadattaw iżda wkoll li nsawru l-impjiegi ta’ għada”.

Nicolas Schmit, Kummissarju għall-Impjiegi u d-Drittijiet Soċjali, qal: “It-taħriġ vokazzjonali joffri tant opportunitajiet fis-suq tax-xogħol tal-lum. Ninsab konvint li l-VET għandhom il-potenzjal jgħinuna nindirizzaw in-nuqqas ta’ tlaqqiġ tal-ħiliet u n-nuqqas ta’ ħaddiema li qed iżommu lura l-industrija tal-Ewropa”.

L-avveniment wera li l-VET huwa għażla eċċellenti, li toffri prospetti ta' karriera b'saħħithom u opportunitajiet ta' xogħol aktar rapidi għaż-żgħażagħ kif ukoll għall-adulti li jkunu qed ifittxu li jibdlu l-impjegi jew sempliċiment jaġġornaw is-sett ta' ħiliet eżistenti tagħhom. Madankollu, ħafna drabi tibqa' t-tieni għażla għal ħafna studenti prospettivi. Fl-2021, ftit aktar minn nofs l-istudenti kollha rreġistrati f'edukazzjoni ta' livell medju fl-UE kienu fi programmi b'orjentazzjoni vokazzjonali.

Fl-2022, kważi 80 % tal-gradwati reċenti tal-VET irnexxielhom isibu impjieg, fejn l-oġettiv tal-UE hu li tilħaq mira ta' 82 % sal-2025. (II)



A??ornament tal-Passaport g?ad-Demokrazija Ewropea

Qed tipprova tibdel is-sistema edukattiva? Qed ikollok problema bi prodotti tal-ikel ikkontaminati? Tixtieq iċċaqlaq it-trakkijiet mit-triq għall-ferrovija? Jew qed ikollok problemi biex tirreġistra l-kumpanija tiegħek bejn fruntieri differenti? Lċ-ċittadini tal-UE għandhom ħafna drittijiet u jiffaċċjaw ukoll għażliet ibsin - iżda jeħtieġ li jkunu jafu fejn u kif jistgħu jagħmlu differenza u x'inhuma l-għażliet tagħhom.

Il-Passaport għad-Demokrazija Ewropea popolari tagħna fih it-tweġibiet, u għadu kif ġie aġġornat! Il-Passaport jipprovdi skedi informattivi, informazzjoni ta' sfond, gwidi u navigaturi għall-aspetti kollha tad-demokrazija Ewropea moderna, inkluż sett ta' għodod għall-

parteċipazzjoni u manwal dettaljat dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (IĊE).

Il-[verżjoni l-ġdida](#) diġà hija disponibbli b'diversi lingwi u se nżidu aktar fil-ġimgħat li ġejjin. (cw)

A?BARIJET MILL-GRUPPI



Wasal i?-?mien g?al Programm Ewropew g?all-Industrija tad-Difi?a fuq skala kbira

minn Antonello Pezzini, delegat tal-Kumitat Konsultattiv tal-KESE dwar il-Bidliet Industrijali u eks membru tal-Grupp ta' Min

Iħaddem tal-KESE

F'Jannar li għadda, il-Kummissarju Ewropew għas-Suq Intern, Thierry Breton tenna l-ħtieġa li jiġi kkonsolidat suq intern tad-difiża biex tiġi żgurata s-sigurtà tagħna. “Bdejna bil-munizzjon għall-Ukrajna”, stqarr. “Issa jeħtieġ li nwessgħu dan l-approċċ biex jinkludi Programm Ewropew għall-Industrija tad-Difiża fuq skala kbira li jkun kapaċi jappoġġja l-espansjoni tal-bażi industrijali Ewropea u jiżviluppa l-infrastruttura meħtieġa biex jiġu protetti ż-żoni kkontestati”.

Il-KESE kellu l-opportunità li jtenni f'diversi okkażjonijiet il-ħtieġa li tiġi appoġġjata t-tnedija ta' **Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża (EDIDP)** bl-għan li tinħoloq sistema ta' difiża komuni interoperabbli u integrata.

Dan l-oġġettiv huwa aktar urġenti minħabba s-sitwazzjoni ġeopolitika attwali, li tneġġigna nsaħħu l-awtonomija strateġika tal-Ewropa fid-difiża u niżviluppaw bażi industrijali u teknoloġika komuni soda.

L-**EDIDP** għandu jittfassal b'viżjoni strateġika komuni għall-industrija tad-difiża li tista' timxi lejn l-integrazzjoni effettiva tal-manifatturi u l-utenti Ewropej, li tinvolvi mill-inqas tliet Stati Membri.

Hemm ħtieġa emerġenti u li qed tikber għal djalogu strutturat fil-livell Ewropew, f'sinerġija u koordinazzjoni man-NATO, u Kunsill tal-Ministri tad-Difiża li jista' jipprovi gwida politika dejjiema u forum għall-konsultazzjoni u l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet tabilħaqq Ewropej.

Id-dispożizzjonijiet statutorji għandhom jiżguraw: bilanċ bejn pajjiżi kbar u pajjiżi żgħar; li 20 % tan-negozji parteċipanti huma negozji iżgħar; taħriġ għal persunal imħarreġ u profili ta' impjiegi ġodda; u taħriġ mill-ġdid għall-persunal li l-ħiliet tagħhom m'għadhomx jintużaw jew saru antikwati.

Issa wasal iż-żmien li dan l-approċċ jiġi estiż u msaħħaħ biex jinkludi programm industrijali Ewropew tad-difiża fuq skala kbira, li jkun kapaċi jappoġġja l-espansjoni tal-bażi industrijali Ewropea, billi jiżviluppa oġġetti ta' “użu doppju”. Dawn huma oġġetti, inklużi software u teknoloġija, li jistgħu jintużaw kemm għal skopijiet ċivili kif ukoll militari u jinkludu oġġetti li jistgħu jintużaw għad-disinn, l-iżvilupp, il-produzzjoni jew l-użu ta' armi kimiċi jew bijoloġiċi u l-mezzi ta' kunsinna tagħhom.

Aqra l-artiklu sħiħ minn Antonello Pezzini fil-Bulettin tal-Grupp ta' Min Iħaddem tal-KESE:

<https://europa.eu/!yKMPTk>



Mill-g?alqa sal-midra?

**Mhux se jkun hemm “patt ekoloġiku” mingħajr “patt soċjali”
mill-Grupp tal-Ħaddiema tal-KESE**

Fis-26 ta' Frar, il-bdiewa u t-trakters tagħhom imblukkaw it-toroq ta' Brussell bi protesta, għat-tieni darba fi ftit ġimgħat. F'kuntrast qawwi mal-wirja normali ta' lbies formali u xagħar maqtugħ pulit, fit-toroq tad-distrett Ewropew niżlu trakkijiet, trakters, ħuxlief u munzell tajers maħruqin. Ir-raġunijiet kumplessi wara l-protesta tal-bdiewa jvarjaw [mill-](#)

[PAK u l-politiki ambjentali għal kwistjonijiet kompletament mhux relatati.](#)

Il-verità hija li l-kampanja Ewropea tinsab f'sitwazzjoni diffiċli, u issa ilha għal żmien twil. Il-Grupp tal-Ħaddiema u l-KESE b'mod ġenerali wissew ripetutament [li mhu se jkun hemm l-ebda patt ekoloġiku mingħajr patt soċjali](#). U minkejja li jista' jkun hemm it-tentazzjoni li dan jitwarra bħala prodott sekondarju ieħor tal-lingwaġġ tekniku ta' Brussell, dan ikun żball gravi. Il-kampanja qed tiffaċċja problemi reali. Dawn jinkludu [intermedjarji li jħallsu biċ-ċiċri lill-produtturi iżda li jitolbu prezzijiet esaġerati lill-konsumatur](#); għajnuna insuffiċjenti għat-twettiq ta' riformi ambjentali; u kummerċ ħieles (mhux ġust), il-kundizzjonijiet tax-xogħol ħorox u t-tibdil fil-klima.

Ir-rispons tal-Kummissjoni Ewropea, li [malajr abbandunat ir-rekwiżiti tal-pestiċidi](#), huwa saħansitra aktar inkwetanti min-nuqqas ta' konsultazzjoni u involviment xierqa mal-imsieħba soċjali u n-nuqqas ta' azzjoni fil-livell tal-politika soċjali. Bħal fil-każ tal-miżuri ambjentali, l-abbandun ta' dawn il-miżuri jista' jippermetti lill-politiċi tagħna jiggwadanjaw ftit ħin, iżda se jwassalna wkoll lil hinn mill-punt tal-ebda ritorn fir-rigward tal-ħsara ambjentali.

Barra minn hekk, bl-elezzjonijiet li ġejjin, il-lemin estrem qed jipprova jikkapitalizza fuq l-iskuntentizza u, sa ċertu punt, qed jirnexxi jmemxi l-protesta kontra l-SDGs, il-Patt Ekoloġiku u l-Aġenda 2030.



[Konferenza dwar “It-tis?i? tas-so?jetà ?ivili u d-demokrazija parte?ipattiva fl-UE: it-triq ’il quddiem”](#)

mill-Grupp tal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili tal-KESE

Fil-25 ta' Marzu mis-14.30 sas-18.00 CET, il-Grupp tal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili tal-KESE ser jorganizza konferenza fi Brussell li se tesplora kif l-UE b'mod ġenerali u l-Istati Membri individwalment jistgħu jaħdmu għal djalogu ċivili sostenibbli effettiv u demokrazija parteċipattiva.

Il-kelliema mistiedna se jinkludu lil:

- **Pedro Silva Pereira**, Vi?i President tal-Parlament Ewropew, li se jissostitwixxi lill-President tal-Parlament Ewropew Roberta Metsola g'al kuntatt mal-organizzazzjonijiet tas-so?jetà ?ivili li jirrappre?entaw li?-?ittadini, u
- **L-eċċellenza Tiegħu Willem van de Voorde**, Ambaxxatur Bel?jan u Rappre?entant Permanenti tal-Bel?ju g'all-UE.

Matul il-konferenza, se jiġu ppreżentati ż-żewġ inizjattivi reċenti li ġejjin:

- **l-Opinjoni tal-KESE** dwar “It-tis?i? tad-djalogu ?ivili u d-demokrazija parte?ipattiva fl-UE: it-triq ’il quddiem” ([SOC/782](#)), mitluba mill-Presidentza Bel?jana u adottata fis-sessjoni plenarja tal-KESE fil-15 ta' Frar;
- **ittra miftuħa**, li r?eviet l-appo?? ta' 156 firmatarju minn 26 Stat Membru tal-UE fuq inizjattiva mill-Grupp tal-Organizzazzjonijiet tas-So?jetà ?ivili u mis-So?jetà ?ivili Ewropa. L-ittra tistieden lill-istituzzjonijiet ewlenin tal-UE jie?du mi?uri konkreti biex jimplimentaw djalogu miftu?, trasparenti u regolari mal-organizzazzjonijiet tas-so?jetà ?ivili fl-oqsma kollha ta' politika.

Il-konferenza se tlaqqa' flimkien il-partijiet ikkonċernati istituzzjonali u udjenza usa' biex jirriflettu dwar metodi għall-implimentazzjoni tal-miżuri proposti minn dawn l-inizjattivi u oħrajn.

Il-konferenza hija **miftuħa għall-pubbliku**. Għall-parteċipazzjoni attiva fuq il-post jew mill-bogħod tkun meħtieġa reġistrazzjoni minn qabel. L-avveniment se jintwera [**f'xandira diretta**](#)

Għal aktar informazzjoni, l-abbozz tal-programm, ir-reġistrazzjoni u l-istreaming, jekk jogħġbok **żur is-sit web tal-avveniment**.

SOON IN THE EESC/CULTURAL EVENTS



[Fuljett dwar l-14-il Premju għas-Soċjetà Ċivili: Skopri aktar dwar diversi kandidati!](#)

Sabiex jixħet dawl fuq l-isforzi tas-soċjetà ċivili biex trażżan l-epidemija silenzjuża ta' disturbi mentali fl-UE, il-KESE ppubblika fuljett li jinkludi għadd ta' applikazzjonijiet għall-Premju għas-Soċjetà Ċivili dwar is-saħħa mentali. Tista' taqra l-fuljett [hawnhekk](#).



[Kont taf? Fatti u ifri dwar is-saħħa mentali](#)

Il-fatti u ċ-ċifri dwar is-saħħa mentali fl-UE ma jpinġux stampa sabiħa iżda pjuttost jappellaw sabiex tittieħed azzjoni. Il-KESE jirrakkomanda miżuri aktar b'saħħithom biex tiġi promossa s-saħħa mentali fil-livelli nazzjonali u tal-UE. Huwa jappella wkoll għal leġiżlazzjoni vinkolanti biex jiġu evitati r-riskji psikosoċjali

fuq il-post tax-xogħol. Permezz tal-Premju għas-Soċjetà Ċivili għas-saħħa mentali, huwa jagħti ġieħ lill-isforzi kontinwi tas-soċjetà ċivili biex jittejjeb il-benesseri tal-Ewropej.

1. Il-KESE dde?ieda li jiddedika l-Premju ewlieni tieġ?u g?as-So?jetà ?ivili g?as-sa??a mentali wara rapporti li, wara l-pandemija tal-COVID-19, id-disturbi tas-sa??a mentali b?all-ansjetà u d-dipressjoni ?diedu madwar l-Ewropa. Skont l-OECD, is-sehem ta' ?g?a?ag? b'sintomi ta' ansjetà ?died b'aktar mid-doppju f'diversi pajji?i Ewropej. Il-pandemija naqqset ukoll l-età tal-bidu ta' disturbi alimentari, b'mod partikolari fost l-adolessenti. Anke qabel ma fe?? il-COVID-19, il-problemi tas-sa??a mentali affettwaw mill-inqas 84 miljun persuna – madwar persuna wa?da minn kull sitta – madwar l-UE.
2. Madwar 4 % tal-imwiet annwali fl-UE huma attribwiti g?as-sa??a mentali u d-disturbi fl-im?iba. Is-sa??a mentali ?a?ina g?andha wkoll impatt ekonomiku enormi, peress li l-ispejje? diretti u indiretti jammontaw g?al madwar 4 % tal-PDG. Aktar minn terz ta' dawn l-ispejje? jirri?ultaw minn rati ta' impjeg aktar baxxi u tnaqqis fil-produttività fuq il-post tax-xog?ol.
3. Skont l-Eurostat, fl-2020, 44,6 % tal-popolazzjoni impjegata ta' bejn il-15 u l-64 sena madwar l-UE rrapportat li qed tiffa??ja fatturi ta' riskju g?all-benesseri mentali tag?hom fuq il-post tax-xog?ol. Il-persjoni ?ejda tax-xog?ol jew il-persjoni tal-?in kienu l-aktar fatturi ta' riskju msemmija b'mod komuni fir-rigward tal-benesseri mentali fuq il-post tax-xog?ol, irrapportati minn kwa?i g?oxrin fil-mija tal-persuni impjegati fl-UE.
4. Il-benesseri mentali tela' fil-qu??ata tal-a?enda politika fl-UE. B'ri?ultat ta' dan, il-Kummissjoni adottat appro?? komprensiv g?as-sa??a mentali f'?unju 2023. B'appo?? ta' EUR 1.23 biljun f'finanzjament tal-UE, dan l-appro?? ?did g?andu l-g?an li jippromovi s-sa??a mentali fil-politiki kollha tal-UE, b'enfasi fuq tliet prin?ipji gwida: prevenzjoni adegwata u effettiva; a??ess g?al kura tas-sa??a u trattament mentali ta' kwalità g?olja u affordabbli; u l-integrazzjoni mill-?did fis-so?jetà wara l-irkupru. Is-sa??a mentali hija wkoll prijorità politika g?all-KESE u hija fil-qalba tal-?idma tieġ?u.
5. Il-KESE r?ieva sa 105 applikazzjoni minn madwar l-UE, li jkopru firxa wiesg?a ta' su??etti – minn pro?etti li jipprevjenu riskji psikoso?jali fuq il-post tax-xog?ol jew li jindirizzaw kwistjonijiet b?all-abbu? ta' sustanzi u d-dipendenza ?ibernetika g?all-?lied kontra l-istigma fir-rigward tas-sa??a mentali u l-promozzjoni ta' assistenza mmexxija mill-komunità. Il-KESE jittama li billi jonora u juri dawn l-isforzi vitali mhux statali g?all-appo?? tas-sa??a mentali, dan jista' wkoll jispira lil o?rajn biex jag?mlu l-istess. (sg)



Is-salvagwardja tas-sa??a mentali fix-xju?ija: il-qawwa tal-kuntatt so?jali

Il-fondazzjoni karitattiva Third Age tal-Irlanda qed tiġġieled kontra s-solitudni fix-xju?ija permezz tan-network ta' involviment soċjali tagħha AgeWell. Il-membri ta' AgeWell, li huma stess għandhom 'il fuq minn 50 sena, iżuru persuni akbar fl-età fi

djarhom darba fil-ġimgħa, joffru kumpanija iżda wkoll jimmonitorjaw is-saħħa u l-benesseri tal-klijent bl-għajnuna ta' kwestjonarju f'forma ta' applikazzjoni fuq l-ismartphone. Alison Branigan tal-fondazzjoni Third Age qaltilha li sal-lum, aktar minn 500 persuna rċevew l-appoġġ fil-Co. Meath tal-Irlanda, b'xi wħud jiddeskrivu s-servizz bħala “mezz ta' salvataġġ” jew saħansitra bħala “raġġ ta' dawli f'tarf mina twila u mudlama.”

X'ħeġġek tibda l-proġett tiegħek?

AgeWell ġie introdott fil-Co. Meath biex jappoġġja l-popolazzjoni akbar fl-età tagħha, li kellha ħtiġijiet speċifiċi ta' kura soċjali, emozzjonali, psikoloġika u fiżika. Is-servizz tas-saħħa tagħna jinsab taħt pressjoni enormi, il-popolazzjoni tagħna qed tikber u qed tixjieħ, u hemm listi twal ta' stennija għas-servizzi inkluż l-appoġġ fid-djar; AgeWell jipprovdi rispons f'waqtu u prattiku li jikkomplementa u jsaħħaħ is-servizz tas-saħħa eżistenti tagħna billi jappoġġja lill-anzjani iżolati, solitarji, fraġli, li ma jistgħux joħorġu minn djarhom, u dawk li jinsabu f'riskju biex jgħinuhom jgħixu aħjar għal żmien itwal fil-post tal-għażla tagħhom, billi jipprovdulhom konnessjonijiet soċjali u monitoraġġ kontinwu tas-saħħa u l-benesseri, u billi jidentifikaw u jirreaġixxu għal kwistjonijiet emerġenti qabel ma jeskalaw f'xi ħaġa aktar serja. AgeWell jimxi id f'id mal-

etika tal-organizzazzjoni tagħna Third Age, li tappoġġja lill-anzjani direttament permezz ta' servizzi u programmi innovattivi, u toħloq opportunitajiet uniċi ta' volontarjat fejn l-anzjani jistgħu jappoġġjaw lill-pari tagħhom u lil gruppi oħra tal-komunità.

Kif intlaqa' l-proġett tagħkom? Ksibtu xi feedback miċ-ċittadini li għintu? (Tista' ttina eżempju jekk għandek?)

Sal-lum AgeWell appoġġja 'l fuq minn 500 persuna akbar fl-età fil-Co. Meath. Ħafna japprezzaw tabilħaqq l-aspett tal-programm li joffri kumpanija: huma bnew fiduċja speċjali mal-membri ta' AgeWell li jipprovduhom kumpanija, u dan li jgħinna nifhmu l-ħtiġijiet u l-biżżeġġat tagħhom u b'hekk jgħinna nappoġġjawhom aħjar.

Kummenti mill-klijenti tagħna jinkludu: "is-servizz huwa mezz ta' salvataġġ", "ma kontx naf li kelli bżonn l-appoġġ sakemm sibtu", "inħossni tassew grat għas-servizz u għal min jiġi jżommli kumpanija, iddawluli l-gimġha", "kont inħossni maqtugħ minn kulħadd, ma kont nara lil ħadd jum wara l-ieħor, inkun qed nistenna bil-ħerqa li jiġu jżuruni". Klijent wieħed li kien għaddej minn perjodu diffiċli u ammetta li kien ikkontempla s-suwiċidju diversi drabi qal li "AgeWell wasal fil-ħin it-tajjeb – għenni nara raġġ ta' dawl f'tarf mina twila u mudlama"; qal ukoll "kulħadd għandu jkollu aċċess għal dan is-servizz".

Il-membri voluntiera tagħna li joffru kumpanija huma anzjani wkoll u jistqarru: "jien sempliċement inħobb inkun voluntier", "hija ħaġa sabiħa meta tħoss li qed tagħmel id-differenza", u "tgħallimt ħafna dwar in-nies u dwari li nagħmel dan ix-xogħol".

Mil-lat statistiku nistgħu nuru li AgeWell ittejjeb il-benesseri u l-appoġġ soċjali, emozzjonali u informattiv, tnaqqas l-iżolament u s-solitudni, ittejjeb is-saħħa personali, u żżid il-livelli ta' attività fiżika.

Feedback ieħor jinkludi s-serħan tal-moħħ espress mill-membri tal-familja tal-klijenti tagħna, u r-rikonoxximent tal-ħidma tagħna mill-fornituri tal-kura tas-saħħa li kontinwament jirreferu l-klijenti direttament lilna.

X'parir tagħtu lil organizzazzjonijiet oħra dwar il-kisba ta' riżultati minn attivitajiet u programmi bħal dawn?

Kun af l-udjenza tiegħek, involvi lill-parteciċipanti tiegħek fil-proċess, u agħti widen għas-suġġerimenti u l-ħtiġijiet tagħhom. Emmen f'dak li taf u f'dak li tista' tikseb, kun kuraġġuż, kun kreattiv, taqtax qalbek: jekk l-idea tiegħek hija tajba biżżejjed, se ssib mod kif twettaqha. Trid tkun lest li taħdem ma' ħaddieħor, u jekk possibbli tikseb finanzjament, appoġġ, promozzjoni mill-istat jew mis-servizz tas-saħħa, li jistgħu jikkontribwixxu ħafna għall-kredibilità, l-impatt u s-suċċess tal-programm.

X'taħseb li hija l-kawża ewlenija tal-aggravar tas-saħħa mentali fix-xjuħija, apparti l-fatturi fiżjoloġiċi? Nistgħu, bħala soċjetà, intejbu s-saħħa mentali tal-anzjani?

Is-solitudni u l-iżolament dejjem kienu fatturi li jikkontribwixxu għall-aggravar tas-saħħa mentali fix-xjuħija; għalkemm din tista' tkun kwistjoni fl-Irlanda rurali, daqstant hija prevalenti fil-bliet dinamiċi. F'dawn l-aħħar snin, l-effetti tal-pandemija, l-iżolament sfurzat, it-tendenza li wieħed isib il-kenn f'daru, anke biex iħares lilu nnifsu mill-mard, it-telf tal-kuntatti soċjali, l-aċċess għall-attivitajiet u l-libertà ħolqu epidemija ta' biża', ansjetà, dipressjoni, u problemi ta' saħħa mentali. Avvenimenti domestiċi u globali, inkluż l-għoli tal-ħajja li qed jiżdied, il-gwerra u l-kunflitt, kellhom rwol ukoll. Hekk kif navvanzaw fl-età, jista' jkun hemm tnaqqis fiċ-ċirku soċjali tagħna, il-mard jista' jaffettwa l-ħila li nwettqu l-attivitajiet tas-soltu, nistgħu nsibu lilna nfusna

konfinati fid-dar jew nitilfu ftit mill-indipendenza tagħna. Huwa importanti li l-anzjani ma jintesewx minħabba l-inviżibbiltà possibbli tagħhom: irridu niftakru l-importanza tal-komunità u l-interventi tagħha, kif ukoll il-qawwa tal-kuntatti soċjali u t-trattamenti bbażati fuq l-attivitajiet soċjali.



Lapinlahden Lähde: l-istigma u d-diskriminazzjoni n'alluhom barra

FI-2013, l-isptar Lapinlahti, l-ewwel sptar psikjatriku tal-Finlandja u s-simbolu tal-kura tas-saħħa mentali fil-pajjiż bi storja ta' 170 sena, kien vojt u minsi. Grupp ta' attivisti favur is-saħħa mentali xammru l-kmiem b'vizzjoni li jittrasformaw il-post ta' patrimonju

minn wieħed dilapidat f'ċentru miftuħ għas-saħħa mentali, il-kultura u l-arti. Siru Valleala, li tirrappreżenta l-assoċjazzjoni Pro Lapinlahti li tmexxi ċ-ċentru, qaltilna li Lapinlahden Lähde issa huwa l-ewwel u qabel kollox post inklużiv fejn l-istigma u l-preġudizzju jitħallew barra u fejn kulħadd iħossu milqugħ tajjeb.

X'ħeġġiġkom tibdew il-proġett jew l-inizjattiva tagħkom?

FI-2013, l-Isptar Lapinlahti, mibni fl-1841 u l-ewwel sptar psikjatriku tal-Finlandja, spiċċa vojt. Il-belt ta' Helsinki ma kellha l-ebda pjann għall-futur tiegħu. Mimli wirt u mdawwar b'żona sabiħa ta' park, is-sit storiku intesa u safa dilapidat. Imħassbin dwar din is-sitwazzjoni traġika, grupp ta' attivisti tas-saħħa mentali bdew jaqsmu l-vizzjoni u l-ħolm tagħhom għall-post - biex jittrasformaw l-isptar ta' Lapinlahti u ż-żona tal-park f'ċentru miftuħ għas-saħħa mentali, il-kultura u l-arti.

Dan kien il-bidu ta' dak li llum huwa magħruf bħala Lapinlahden Lähde - "ir-rebbiegħa ta' Lapinlahti". L-attivitajiet jibnu fuq is-sinifikat storiku u arkitettoniku taż-żona fil-qalba tal-Bajja ta' Lapinlahti, imnebbħin minn 170 sena ta' xogħol ta' saħħa mentali. L-enfasi nbidlet mill-kura tal-mard għall-promozzjoni tal-benesseri fl-oqsma kollha tal-ħajja. Lapinlahden Lähde issa huwa eżempju ħaj tal-ħidma li tinsab għaddejja u ta' bidla fundamentali lejn il-promozzjoni ta' dak li huwa pożittiv.

Fl-imgħoddi, Lapinlahti kien ix-xempju tal-psikjatrija u post fejn il-kura tas-saħħa mentali kienet qed tiġi żviluppata b'mod kostanti. Minflok, l-attivi tas-saħħa mentali li kienu ħadmu għall-Assoċjazzjoni tas-Saħħa Mentali Pro Lapinlahti li twaqqfet fl-1988 - meta Lapinlahti kien għadu sptar attiv - issa riedu joħolqu ċentru innovattiv għall-promozzjoni tas-saħħa mentali, bl-użu tal-għarfien kollu disponibbli fis-seklu 21, post li hu turija ta' bidla radikali konkreta mit-trattament tal-mard mentali għall-promozzjoni tal-benesseri mentali.

Kif intlaqa' l-proġett tagħkom? Ksibtu xi feedback miċ-ċittadini li għintu? Għandkom xi eżempju x'tagħtuna?

Fil-bidu kienet sfida biex in-nies jiġu jaraw fuq il-post. Iż-żona kienet ilha magħluqa għall-pubbliku għal 170 sena meta kienet tintuża bħala sptar psikjatriku, u minkejja l-interess u l-kurżità kien diffiċli li nikkonvinċu lin-nies biex jiġu jagħtu titwila u li kienu merħba. Bil-mod-il mod, in-nies issieħbu fl-attivitajiet u l-avvenimenti u għenu b'entużjażmu biex jiġu żviluppawhom aktar, bil-volontarjat u l-kondiviżjoni tal-ideat. L-

artisti tal-ispettaklu u artisti oħrajn ġabu l-wirjiet tal-arti u l-avvenimenti kulturali tagħhom f'Lapinlahden Lähde, u llum għandna aktar minn 400 avveniment fis-sena, u 50-60 wirja tal-arti annwali. Lapinlahti sar spazju ta' għajxien miftuħ għal kulħadd f'Ħelsinki, li jippromovi l-benesseri mentali u jnaqqas is-solitudni u l-esklużjoni soċjali kull jum tas-sena.

“Meta kont involut f'din l-inizjattiva ħassejt li kienet ħaġa tassew sabiħa li stajt inkun hawn, u b'hekk ngħin biex nagħtu haġja ġdida f'dan il-post ... nifs ġdid li jbiegħed l-affarijiet tqal kollha.” (Cresswell Smith et al 2022) (Cresswell-Smith et al 2022)

L-isptar Lapinlahti llum jitqies bħala post sikur u inklużiv ħafna. Post fejn dejjem se tħossok milqugħ, irrispettivament minn dak li tkun għaddej minnu jew liema sitwazzjoni tinsab fiha. Hemm sinifikat li joħroġ mill-passat ta' Lapinlahti bħala sptar psikjatriku. Tħossok liberu li tkun vulnerabbli u hemm ftuħ dwar diffikultajiet ta' saħħa mentali li huwa assolutament uniku. Nibnu fuq sens qawwi ta' komunità u kull persuna tista' tesplora b'mod sikur il-kwalitajiet pożittivi tagħha stess. L-istigma u d-diskriminazzjoni jitħallew barra, u aħna f'Lapinlahden Lähde kburin li ninkludu lil kulħadd.

L-attivitajiet ta' Lapinlahti ġew żviluppati f'kooperazzjoni mas-sid, il-Belt ta' Ħelsinki, u dan ix-xogħol ta' żvilupp kien prerekwiżit għall-operazzjoni kollha. Bħalissa qed jittieħdu deċiżjonijiet politiċi estensivi dwar is-sjeda futura taż-żona, u nittamaw li s-suċċess tal-operazzjonijiet attwali jiġi kkunsidrat bis-sħiħ.

Kif se tużaw dan il-finanzjament speċifiku biex tipprovdu aktar għajnuna fil-komunità? Diġà qed tippjanaw proġetti ġodda?

Se nkomplu niżviluppaw l-attivitajiet tagħna sabiex aktar nies ikunu jistgħu jieħdu sehem u jibbenefikaw minnhom. Dan l-aħħar nedejna proġett eċċitanti għall-persuni li qed jirkupraw minn disturbi tas-saħħa mentali li għandu l-għan li jżid l-aċċess u saħansitra d-drittijiet għall-attivitajiet kulturali. B'mod aktar speċifiku, dan se jgħin lin-nies isibu triqithom biex jiksbu espressjoni kulturali, biex jiskopru x'inhu effettiv għalihom f'termini ta' kultura u arti ta' benessere mentali. Hekk se nużawhom il-flus li dan il-premjū ġeneruż qed joffrilna.

Fl-opinjoni tiegħek, x'tip ta' azzjoni kollettiva hija meħtieġa biex titnaqqas l-istigma li spiss takkumpanja l-problemi tas-saħħa mentali? L-arti jista' jkollha rwol biex tawtonomizza lil persuni b'diffikultajiet ta' saħħa mentali?

Jeħtieġ li nipprovdu attivitajiet fejn persuni b'esperjenzi u sfondi differenti jistgħu jiltaqqgħu flimkien. Meta niżviluppaw attivitajiet li mhumex ibbażati fuq l-istatus tas-saħħa jew iċ-ċirkostanzi tal-ħajja nippermettu tlaqqigħ ta' persuni li joffri esperjenzi uniċi, u nrawmu konnessjonijiet sinifikanti bejn persuni minn sfondi differenti. L-esplorazzjoni tas-saħħa mentali permezz ta' mezzi differenti bħall-arti żiedet is-sensibilizzazzjoni u l-fehim. L-arti għandha mod eċċezzjonali kif tlaqqa' lin-nies flimkien u toffri modi ġodda biex jiġu indirizzati saħansitra kwistjonijiet ta' tbatija. L-arti hija mezz ta' espressjoni u toħloq opportunitajiet biex naraw u nisimgħu lin-nies. Is-saħħa li wieħed jingħata widen tista' tbiddel il-ħajja ta' persuna u l-perċezzjoni tagħha stess.



Xi drabi jkun bi??ejjed li ssib lil xi ?add ma' min tg?id kelma

Il-proġett Slovakk “*Crazy? So what?*”, immexxi mill-organizzazzjoni Integra, ilaqqa’ studenti żgħażaġh li esperjenzaw problemi ta’ saħħa mentali. Matul jum sħiħ ta’ tagħlim, l-istudenti jitgħallmu b’mod dirett xi jfisser li jgħidbu kriżi tas-

saħħa mentali u kif jiksibu l-għajnuna. Id-Direttur ta’ Integra, Jana Hurova, qaltilha li l-proġett jgħin biex titkisser l-istigma ta’ min ikun għaddej minn problemi ta’ saħħa mentali u jagħti liż-żgħażaġh raġġ prezzjuż ta’ tama.

X’ħeġġek tibda l-proġett tiegħek?

L-organizzazzjoni tagħna ilha tappoġġja persuni bi problemi ta’ saħħa mentali għal bosta snin. Minħabba l-fatt li kienu morda, dawn tilfu xogħolhom, djarhom, ħbiebhom, xi drabi anke l-familji tagħhom. Id-dinja kollha tagħhom inbidlet ta’ taħt fuq. Kważi 30 sena ilu nedejna l-ewwel servizzi tas-saħħa mentali tal-komunità fis-Slovakkja. L-għan kien li niżguraw li dawn in-nies, wara li jkunu ġew ikkurati fi sptar psikjatriku, ikunu jistgħu jirċievu l-appoġġ u jerġgħu jirritornaw għall-ħajja regolari li kellhom qabel kienu morda. Tajna l-appoġġ tagħna biex jitwaqqfu organizzazzjonijiet tal-pazjenti fis-Slovakkja u wettaqna għadd ta’ programmi biex inneħħu l-istigma tal-mard mentali. Hemm persuni bi problemi serji ta’ saħħa mentali fil-kura tagħna, speċjalment l-iskizofrenja, u ħafna minnhom diġà rnexxielhom jintegraw u jsibu tifsira f’ħajjithom.

Peress li l-attivitajiet kollha tagħna jitwettqu b’mod mhux tradizzjonali mill-bidu nett, b’ħidma fi sħubija mal-klijenti tagħna biex nidentifikaw bl-aħjar mod il-ħtiġijiet tagħhom, applikajna approċċ simili għall-programm “*Crazy? So what?*”. Ħafna mill-klijenti tagħna jsibu sens ta’ skop billi jiltaqqgħu maż-żgħażaġh u, billi jużaw l-esperjenza personali tagħhom, jikkellmu dwar dak li kien jonqoshom meta huma stess kienu żgħażaġh u dwar dak li wassal għall-problemi tas-saħħa mentali tagħhom.

Qed naraw ħtieġa dejjem tikber li tiġi enfasizzata l-importanza tas-saħħa mentali. Li tkun taf kif timmaniġġja kriżi personali huwa punt b’saħħtu ferm.

Bdejna l-programm “*Crazy? So what!*” fis-Slovakkja fl-2005, flimkien ma’ msieħba mill-Ġermanja u ċ-Ċekja. Madankollu, kien biss dan l-aħħar li rnexxielna npoġġu l-programm fuq bażi aktar soda u nestenduh. Tħarriġna bħala kowċis, u aħna stess inħarrġu timijiet ġodda u nżuru skejjel ġodda.

Kif intlaqa’ l-proġett tagħkom? Ksibtu xi feedback miċ-ċittadini li għintu? (Tista’ tagħtina eżempju, jekk għandek?)

Meta ż-żgħażaġh ikunu jistgħu jiltaqqgħu ma’ daww li jkunu għelbu kriżi tas-saħħa mentali u jistaqsohom dwar kwalunkwe ħaġa iħalli impressjoni qawwija fuqhom. Dan jifihom għajnejhom li jekk ikollhom problemi huma stess, dejjem se jsibu għajnuna disponibbli. Il-fatt li l-programm jinvolvi jum sħiħ ta’ tagħlim, u li l-komunikazzjoni hija fuq bażi uguali, ifisser li l-parteċipanti dejjem se jieħdu magħhom impressjoni pożittiva.

Persuni b’esperjenza personali ta’ problemi ta’ saħħa mentali jistgħu jagħtu liż-żgħażaġh il-kuraġġ li jagħmlu xi ħaġa dwar il-problemi tagħhom stess. Fi kważi kull klassi, hemm studenti li qed jesperjenzaw problemi. Li nagħtuhom raġġ ta’ tama huwa imprezzabbli. Persuni b’esperjenza personali jirrakkontaw l-

istorja tagħhom stess bħala mod kif iħossuom aħjar. Huma stess jiddeċiedu sa liema punt iħallu lill-istudenti jidħlu f'ħajjithom. B'dan il-mod, huma jħossu li huma siewja u li n-nies jifhmuhom.

Irċevejna ħafna kummenti bħal studenti li jgħidu li normalment ma jingħatawx l-opportunità li jiltaqgħu ma' persuni bi problemi ta' saħħa mentali jew li għandna nitgħallmu naċċettaw nies bħal dawn u ma nikkundannawhomx talli huma differenti.

Irċevejna wkoll feedback minn persuni b'esperjenza personali ta' problemi ta' saħħa mentali li huma involuti fil-programm. Persuna waħda qaltilna:

"Il-programm jagħtini l-kuraġġ li nqum fuq tiegħi. Irrid ngħix fl-aħħar! Meta nitkellem mal-istudenti nsibha diffiċli iżda fl-istess ħin ta' sodisfazzjon. Huma miftuħin ħafna, u bilkemm għandhom biża' ta' kuntatt soċjali. L-aktar ħaġa sabiħa għalija hija li juru li hemm ħafna aktar affarijiet li jgħaqqduna milli li jifirduna, li l-immagħni tal-"imġienen" mhijiex vera. Hija ħaġa sabiħa li nista' ngħin lin-nies biex fl-aħħar jirkellmu b'mod miftuħ dwar problemi ta' saħħa mentali, sabiex ħadd ma jkollu għalfejn jistħi jew jinħeba."

Iż-żgħażaġħ huma dawk li jmexxuna 'l quddiem. Wara kull waħda minn dawn il-ġranet, huma jirkellmu dwar kemm huwa importanti għalihom il-programm "*Crazy? So what!*" u li dan għandu jkompli sabiex iż-żgħażaġħ kollha fis-Slovakkja jkunu jistgħu jirkellmu dwar kemm hija importanti s-saħħa mentali tagħhom stess.

Diġà qed tippjanaw proġetti ġodda?

Nixtiequ li jkun hemm lok għaż-żgħażaġħ kollha biex jirċievu din il-forma ta' edukazzjoni sabiex inkunu nistgħu nespandu aktar il-programm lejn reġjuni oħra tas-Slovakkja. Dan diġà twettaq fil-Ġermanja (fejn tnieda l-programm), fis-Slovakkja, fiċ-Ċekja u fl-Awstrija. Din is-sena ħarriġna wkoll l-ewwel timijiet fl-Ukrajna.

Fil-fehma tiegħek, kemm huwa importanti li nitkellmu b'mod miftuħ dwar il-problemi tas-saħħa mentali tagħna? X'messaġġ qed tibagħtu bil-proġett tagħkom?

Irridu nxerrdu l-messaġġ li l-problemi tas-saħħa mentali mhumix sors ta' mistħija. Madankollu, dak li huwa tal-mistħija, huwa li ma nagħmlu xejn biex nippromovu saħħitna stess. Għaliex m'hemm l-ebda saħħa mingħajr saħħa mentali.

L-idea ewlenija wara l-programm "*Crazy? So what!*" hija li nenfasizzaw fi żmien adatt l-importanza tas-saħħa mentali, u, li fl-istess ħin inrawmu l-fehim ta' persuni bi problemi ta' saħħa mentali.

Aħna sibna li huwa ħafna aħjar li nipprevjenu milli nittrattaw. U huwa aktar effettiv ukoll. Aħna ottimisti, noffru kuraġġ u motivazzjoni. L-għajnuna hija dejjem disponibbli. Xi drabi jkun biżżejjed li ssib lil xi ħadd ma' min tgħid kelma. Li tiġġieled biex tirrealizza l-ħolm tiegħek qatt mhu faċli, iżda vallapena.



Il-potenzjal mhux sfruttat tal-log?ob biex tittejjeb is-sa??a mentali

Il-Fondazzjoni Finlandiża Lilinkoti ħasset li għad hemm lok għall-innovazzjoni u approċċi ġodda għas-saħħa mentali, u għaldaqstant, żviluppat il-logħbiet The World of Recovery (TWoR), logħba li tintlagħab online u oħra li tintlagħab madwar

mejda. Iż-żewġ logħbiet huma logħba ta' rwol li jirrikjedu li l-ġugaturi jieħdu r-rwol ta' karattru partikolari. Ambjentati f'dinja futuristika ta' tama, il-logħbiet jippromovu t-triq lejn l-irkupru tal-ġugatur, u għandhom fil-mira l-persuni li jkunu qed jirkupraw minn problemi ta' saħħa mentali u problemi ta' abbuż minn sustanzi, kif ukoll il-professjonisti. Ir-rappreżentanti ta' Lilinkoti, Reetta Sedergrén u Venla Leimu, spjegawlna li l-logħbiet għandhom potenzjal enormi biex tittejjeb is-saħħa mentali, madankollu dan il-potenzjal għadu fil-biċċa l-kbira mhux sfruttat.

X'ħeġġiġkom tibdew il-proġett tagħkom?

Xi snin ilu, il-Fondazzjoni Lilinkoti ħasset li kien hemm lok kbir għal innovazzjoni u approċċi ġodda fil-qasam tal-irkupru relatat mas-saħħa mentali. Il-popolarità tas-sistemi ta' orjentazzjoni għall-irkupru kienet pass kbir 'il quddiem fil-qasam, iżda kien hemm nuqqas ta' għodod moderni u innovattivi li jimplimentawhom. L-organizzazzjoni tagħna ilha għal għexieren ta' snin taħdem ma' persuni li jkunu qed jirkupraw minn problemi tas-saħħa mentali, u kellna ħolma: li kieku kellna għodda moderna biex nagħtu spinta lis-saħħa mentali – logħba diġitali fejn wieħed jista' jilgħab ir-rwol ta' karattru?

Kif intlaqa' l-proġett tagħkom? Ksibtu xi feedback miċ-ċittadini li għintu?

Il-logħbiet The World of Recovery ġew żviluppati flimkien ma' persuni li kienu qed jirkupraw minn problemi ta' saħħa mentali u ma' professjonisti, għalhekk il-feedback kien kostanti matul il-proċess tat-tfassil tal-logħba, li kien ta' gwida għar-riżultat aħħari.

Irċevejna ammont kbir ta' feedback anonimu u personali pożittiv mill-ġugaturi taż-żewġ logħbiet. Pereżempju, aktar minn 90 % ta' dawk li wieġbu qalu li l-logħba fuq il-mobile tat spinta lill-benesseri tagħhom u għenithom ikunu attivi, filwaqt li l-logħba tar-rwol għenithom fir-rigward tal-ħiliet soċjali tagħhom.

Forsi l-aħjar feedback kien id-daħq u l-konverżazzjonijiet dwar is-sentimenti, l-isfidi u l-punti b'saħħithom, u l-mod kif il-logħbiet għabu flimkien lill-ġugaturi, irrispettivament mir-rwoli u l-isfond tagħhom.

X'parir tagħtu lil organizzazzjonijiet oħra dwar il-kisba ta' riżultati minn attivitajiet u programmi bħal dawn?

Hemm ħafna beneficiċċji li wieħed ikun fuq quddiem nett tal-innovazzjoni. Huwa verament ta' ispirazzjoni u tkun qed tagħmel xi ħaġa ġdida. Ħaddnuha, u tippruvawx tirrestringuha. Segwu l-istint tagħkom, kunu kurjużi biex tisimgħu l-opinjonijiet ta' kulħadd. L-aktar ħaġa importanti hija li jiġu involvuti persuni li jkunu qed jirkupraw u esperti b'esperjenza fil-proċess tad-disinn. Jekk qed tagħmlu il-logħob, kunu lesti li tindirizzaw bosta preġudizzji minn professjonisti. Huwa komuni fil-qasam tas-saħħa mentali li l-logħob b'mod ġenerali jitqies bħala vizzju jew ta' ħsara. Taqtgħux qalbkom! Kunu kuraġġużi, kreattivi u oħolmu.

X'inhu l-potenzjal tal-logħob tal-kompjuter u tal-vidjo għat-titjib tas-saħħa mentali? Fl-opinjoni tagħkom, għandhom jintużaw aktar fit-trattament ta' kwistjonijiet tas-saħħa mentali?

Il-potenzjal tal-logħob tal-kompjuter u tal-vidjow – u speċifikament il-logħob tar-rwol – għat-titjib tas-saħħa mentali huwa enormi. Peress li għadd allarmanti ta' persuni jbatu minn kwistjonijiet tas-saħħa mentali, neħtieġu modi ġodda u versatili biex intejbu s-saħħa mentali. Hija ħasra li l-potenzjal tal-logħob ma ġiex esplorat aktar. Dan mhuwiex minħabba nuqqas ta' interess iżda minħabba nuqqas ta' finanzjament suffiċjenti. Ma hemm l-ebda mod rapidu u faċli biex jiġi żviluppat logħob tajjeb biex tittejjeb is-saħħa mentali. Neħtieġu aktar finanzjament, aktar proġetti żviluppati b'mod konġunt, u aktar professjonisti fis-settur tas-saħħa mentali u tal-industrija tal-logħob li jaħdmu għal dan l-għan. U neħtieġu riċerka, ħafna riċerka.



[Breaking the stigma around eating disorders with storytelling](#)

Over 55 million worldwide, many of them adolescents, suffer from eating disorders, impacting their mental and physical health. Stigma prevents many from seeking help. The project Telling Stories for Good, run by Italian organisation Animenta, aims to dismantle stereotypes, promote early recognition and provide support. Since 2021, they have reached over 10,000 pupils in Italy. We talked to Animenta's president and founder Aurora Caporossi.

What prompted you to start your project?

Animenta was born of the need to give a voice to all people suffering from an eating disorder, but also to those who live next door. The association aims to ensure that people receive proper access to treatment for eating disorders, because it is possible for people to heal from an eating disorder if they are given the opportunity to heal themselves.

How has your project been received? Have you had any feedback from the people you helped? Do you have an example you can give us?

"Animenta is the place where I felt welcomed, I realised that I also suffered from an eating disorder even though I was not underweight." This is a message that came several months ago from our community which allowed us to understand the importance and impact of our work. Animenta was received with curiosity, but also with the hope that we could bring about change.

How will you use this specific funding to provide further help in the community? Are you already planning new projects?

We would like to invest more and more in the projects we carry out in schools to broaden our impact. Likewise, funds will be used to start self-help groups for those suffering from an eating disorder. Animenta's projects include Animenta Camps, which are six-day experiences in nature for people to rediscover their relationship with themselves, their bodies and food.

What advice would you give to other organisations in terms of achieving results with these kinds of activities and programmes?

Start with stories to learn about what the community you are addressing is experiencing. Ask for feedback, and give out questionnaires to understand what they need. But most of all put your face out there to tell the story of your struggle and the change you want to bring about. At the same time, it is crucial to network with others to create an efficient and effective support system.

In your opinion, are eating disorders today properly recognised as a serious mental health issue? Do people affected receive appropriate support and what should be done to improve this?

Today there is more talk about eating disorders, so we can say that there is more information. However, they are diseases that have a deep social stigma and very stereotypical representation. Some people, even today, believe that eating disorders are a lack of willpower or a whim. In reality, eating disorders are a complex psychiatric illness that needs proper treatment, which at the moment is not always available because there are not enough treatment centres and many people cannot access the treatment pathway.

Editur

Ewa Haczyk-Plumley (editor-in-chief)
Laura Lui (ll)

Il-kontributuri g?al din l-edizzjoni huma

Daniela Marangoni (dm)
Daniela Vincenti (dv)
Ewa Haczyk-Plumley (ehp)
Agata Berdys (ab)
Giorgia Battiato (gb)
Jasmin Kloetzing (jk)
Katerina Serifi (ks)
Katharina Radler (kr)
Laura Lui (ll)
Marco Pezzani (mp)
Margarita Gavanias (mg)
Margarida Reis (mr)
Millie Tsoumani (mt)
Pablo Ribera Paya (prp)
Thomas Kersten (tk)

Koordinazzjoni globali

Agata Berdys (ab)
Giorgia Battiato (gb)

Indirizz

European Economic and Social Committee
Jacques Delors Building,
99 Rue Belliard,
B-1040 Brussels, Belgium
Tel. (+32 2) 546.94.76
Email: eescinfo@eesc.europa.eu

EESC info is published nine times a year during EESC plenary sessions. EESC info is available in 24 languages
EESC info is not an official record of the EESC's proceedings; for this, please refer to the Official Journal of the European Union or to the Committee's other publications.
Reproduction permitted if EESC info is mentioned as the source and a link is sent to the editor.

03/2024